IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, is-6.4.2005
COM(2005) 113 finali

2005/0052 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Fond ta' Protezzjoni Ċivili

(ippreżentat mill-Kummissjoni)

{SEC(2005) 439}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TALPROPOSTA

- **Il-motivazzjoni għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Perspettivi Finanzjari adottati fl-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni sejħet għall-azzjoni fuq il-livell Ewropew sabiex tipprovdi reazzjoni komuni, li tkun effiċjenti u koordinata, għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jkollhom oriġini differenti L-azzjoni tkun tkopri s-solidarjetà u r-reazzjoni rapida, flimkien ma' miżuri li jippermettu reazzjoni immedjata u li jipprovdu l-għajnuna wara li tkun seħħet kriżi kbira.

L-għan ta' din il-proposta huwa l-iżvilupp tal-fergħa ta' l-istrateġija integrata tal-Kummissjoni li tirrigwarda r-reazzjoni rapida, sabiex tiġi prevista għajnuna finanzjarja Komunitarja ħalli jiġu appoġġjati u kkumplementati l-isforzi ta' l-Istati Membri għall-ħarsien tan-nies, l-ambjent u l-proprjetà bis-saħħa ta' kontribut għall-effettività tas-sistema maħsuba għall-istat ta' tħejjija u r-reazzjoni għall-emerġenzi kbar, tkun liema tkun l-oriġini tagħhom u l-post fejn iseħħu, kif ukoll sabiex ikun hemm tħejjija u reazzjoni għat-theddidiet għas-saħħa pubblika li joħorġu minn dawn l-emerġenzi kbar.

Il-fergħa tas-solidarjetà tiġi żviluppata minn proposta kumplementari għal "Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea".

- **Kuntest ġenerali**

Bosta ġrajjiet jistgħu jwasslu għas-seħħ ta' emerġenzi kbar b'konsegwenzi katastrofiċi attwali jew potenjzali għan-nies, il-proprjetà u l-ambjent. Emerġenzi bħal dawn jistgħu jkunu kkważati minn firxa wiesgħa ta' fatturi u atturi, minħabba li jistgħu jinbtu minn għemil il-bniedem, inkluż mit-tħaddim ta' faċilitajiet industrijali, jew minn attakki terroristiċi, jew inkella terremoti, għargħar, u tempesti, fost l-oħrajn.

F'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn, l-operaturi tal-protezzjoni ċivili wrew li għandhom rwol essenzjali f'li jwieġbu minnufih għall-emerġenzi kbar, u fil-kontribut biex jiġu ġġestiti u mtaffija l-konsegwenzi, u b'hekk jgħinu sabiex ma jseħħux daqshekk imwiet, ġrieħi, u danni ambjentali, ekonomiċi u materjali.

L-effettività ta' l-interventi ta' reazzjoni rapida jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq dak li jkun inkiseb minn qabel sabiex ikun hemm tħejjija għat-twassil u l-użu fis-sit tal-mezzi u t-tagħmir meħtieġa; għalhekk, il-ħtieġa li li-istat ta' tħejjija jingħata l-attenzjoni kollha u l-appoġġ li jixirqulu.

huwa ċar li l-effettività u l-effiċjenza ta' l-operaturi tal-protezzjoni ċivili fl--Istati Membri tista' tibbenifika minn tagħqid tar-riżorsi u l-għajnuna reċiproka bejniethom; azzjoni konġunta bħal din tkun ta' beneficċju wkoll għan-nies u l-komunitajiet lokali milquta mill-emerġenzi l-kbar.

Il-Komunità għandha rwol leġittimu xi twettaq f'dak il-kuntest minħabba li tista' tgħin f'li tmur u taġixxi lil hinn mill-fruntieri speċifiċi ta' Stat wieħed. Għal dan il-għan, fl-2001 ġie stabbilit mekkaniżmu biex jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-

interventi ta' għajnuna fil-qasam tal-protezzjoni ċivili[1]. Dan il-mekkaniżmu jgħin sabiex l-appoġġ ikun disponibbli fil-każ ta' emerġenzi kbar li jkunu jeħtieġu reazzjoni urġenti permezz tal-mobilitazzjoni ta' skwadri ta' intervent, esperti u riżorsi oħra, skond kif meħtieġ, bis-saħħa ta' struttura Komunitarja msaħħa tal-protezzjoni ċivili li tkun tikkonsisti f'ċentru ta' monitoraġġ u tagħrif u sistema komuni ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar l-emerġenzi. Dan il-mekkaniżmu jipprovdi wkoll opportunità għall-ġbir ta' informazzjoni vvalidata dwar l-emerġenzi, sabiex din tinxtered ma' l-Istati Membri kif ukoll għall-iskambju ta' l-esperjenzi u l-lezzjonijiet ta' l-interventi li jkunu seħħew qabel.

L-għoti ta' appoġġ finanzjarju Komunitarju, li fih innifsu mhuwiex ħaġa ġdida (ara aktar 'l isfel), jikkostitwwixxi b'mod ċar kontribut siewi tal-Komunità għall-operazzjonijiet u l-interventi ta' l-operaturi tal-protezzjoni ċivili, u dan kollu jsir billi jitiqes il-prinċipju tas-sussidjarjetà (ara isfel).

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Komunità żviluppat sensiela ta' miżuri u azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni, fosthom:

i) id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 stabbiliet programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, li kellu jiskadi sa tmiem l-2004, iżda li ġie estiż sa tmiem l-2006.[2]

ii) Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' l-għajnuna fil-qasam tal-protezzjoni ċivili[3].

L-ewwel strument/programm għandu skadenza speċifika u huwa akkumpanjat minn baġits speċifiċi multi-annwali; se jintemm fl-2006. L-istrument ta' l-aħħar, madankollu, m'għandux natura finanzjarja: jistipula l-obbligi għall-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Din il-proposta se tikkostitwixxi, meta tiġi adottata, il-bażi legali ġdida għall-għoti ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju lil azzjonijiet u miżuri ta' protezzjoni ċivili fil-qasam tat-tħejjija u tar-reazzjoni rapida.

Għal dan il-għan, il-proposta tibni fuq l-istrumenti eżistenti filwaqt li twessa' u tistipula f'dettall akbar l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament. F'termini ta' tħejjija u reazzjoni rapida, il-firxa ta' azzjonijiet li potenzjalment jistgħu jiġu ffinanzjati taħt din il-proposta hija wiesgħa, minħabba li l-Fond li għandu jiġi stabbilit ikun jista' jiffinanzja azzjonijiet varji, mill-għajnuna għall-bini tal-kapaċitajiet, proġetti dimostrattivi, u azzjonijiet tal-ħolqien u t-tixrid ta' l-għarfien, taħriġ u eżerċizzji, id-dispaċċ ta' l-esperti, u l-mobilitazzjoni ta' mezzi u tagħmir xierqa f'qasir żmien u mingħajr wisq avviż minn qabel. Il-proposta hija innovattiva wkoll minħabba li huma identifikati b'mod aktar ċar l-azzjonijiet partikolarment rilevanti għat-tħejjija u r-reazzjoni għat-theddidiet għas-saħħa pubblika li joħorġu mill-emerġenzi l-kbar. Ingħatat ukoll attenzjoni partikolari lill-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' appoġġ

---

1 Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' l-għajnuna fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.(ĠU L 297, tal-15.11.2001, p.7).

2 ĠU L 327, tal-21.12.1999, p.53.

3 ĠU L 297, tal-15.11.2001, p.7.

loġistiku, bħalma huma għodod u sistemi ta' komunikazzjoni siguri, li huma meħtieġa sabiex jitwettqu sewwa l-interventi ta' reazzjoni rapida.
Minħabba li attivitajiet ta' l-UE żejda fil-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili huma koperti mill-Istrument ta' Stabilità, l-istrument propost japplika għall-attivitajiet interni tiegħu.

Barra minn hekk, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-qafas regolatorju Komunitarju rilevanti, il-proposta tinkorpora dispożizzjonijiet ġodda dwar il-monitoraġġ ta' l-azzjonijiet iffinanzjati, sabiex tiġi żgurata tmexxija finanzjarja soda ta' l-istrument kif ukoll miżuri oħra li jiggarantixxu l-ħarsien xieraq ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

- **Il-konsistenza ma' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-proposta tibni, sa ċertu punt, fuq l-istrumenti ta' politika eżistenti li hekk jew b'hekk jeħtiġilhom jiġu ssupplimentati minħabba l-fatt li huma llimitati fiż-żmien. Flimkien mal-EUSF il-ġdid, li twessagħlu l-ambitu sabiex ikopri kull emerġenza ewlenija tkun minn fejn tkun ġejja, il-proposta timla lakuna fil-leġiżlazzjoni attwali u tippermetti azzjoni komprensiva Komunitarja b'reazzjoni għal emerġenzi kbar u sitwazzjonijiet ta'kriżi.

Ingħatat attenzjoni partikolari sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' azzjonijiet imwettqa taħt politika jew strumenti oħra Komunitarji. Il-konsistenza ma' politika Komunitarja oħra, l-aktar fl-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà u l-politika tas-sigurtà u r-relazzjonijiet esterni, hija żgurata minn għadd ta' dispożizzjonijiet li, fost l-oħrajn, jiddefinixxu b'mod ċar l-ambitu ta' l-istrument u jeskludu l-finanzjament doppju.

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Saru evalwazzjonijiet regolari ta' inizjattivi Komunitarji ta' l-imgħoddi u tal-preżent fil-qasam, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti fuq il-livell ta' l-Istati Membri. Dawn dejjem kienu pożittivi.

Filwaqt li għarfu l-ħidma li seħħet fil-qafas tal-Mekkaniżmu, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill kemm-il darba sejħu lill-Kummissjoni sabiex tkompli u tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam. Bl-istess mod, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' l-għarfien espert estern.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi Fond Komunitarju ta' Protezzjoni Ċivili, li għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni ċivili Komunitarja, bħala kontribut għall-effettività tas-sistemi għat-tħejjija u r-reazzjoni għall-emerġenzi l-kbar.

Il-proposta fiha dispożizzjonijiet li jaqblu man-natura finanzjarja predominanti tagħha minħabba li din tistipola r-regoli u l-proċeduri dwar kwistjonijiet bħal: l-

għanijiet speċifiċi li l-finanzjament taħt l-Istrument jista' jwassal għall kisba tagħhom; azzjonijiet eliġibbli taħt l-Istrument; benefiċċjarji; miżuri finanzjarji u ta' implimentazzjoni; il-monitoraġġ; il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità; kif ukoll id-dispożizzjonijiet istituzzjonali rilevanti.

- **Il-bażi legali**

Skond l-Artikolu 3(1)(u) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu miżuri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

L-interventi tal-protezzjoni ċivili huma rilevanti wkol f'dak li għandu x'jaqsam ma' emerġenzi radjoloġiċi; għaldaqstant, il-ħtieġa li din il-proposta tissejjes fuq it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (it-Trattat Euratom).

Fin-nuqqas ta' bażi legali *ad hoc* għall-protezzjoni ċivili, kemm fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, din il-proposta tissejjes fuq l-Artikoli 308 u 203, rispettivament, ta' dawk it-Trattati.

Dawn iż-żewġ bażijiet legali huma kompatibbli u jistgħu jiġu akkumulati minħabba li jipprovdu għall-istess proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika minħabba li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

Il-proposta hija ġġustifikata fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-għanijiet tagħha ma jistgħux jintlaħqu b'mod adegwat mill-Istati Membri, u l-azzjoni Komunitarja tkun tista' tilħaqhom aħjar.

L-għanijiet ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu għal kollox mill-Istati Membri għal dawn ir-raġunijiet.

Meta sseħħ emerġenza, ir-reazzjoni minnufih hi meħtieġa sabiex jiġu miġġielda l-konsewgwenzi tagħha. L-ebda pajjiż mhuwa mħejji għal kulma jista' jinqala'. Huwa għalhekk aktar effiċjenti u effettiv fin-nefqa li wieħed juża l-għajnuna offerta minn Stati oħra.

L-istrument il-ġdid se jippermetti, *inter alia*, lill-Istati Membri li jirreaġixxu għall-emerġenzi l-kbar u s-sitwazzjonijiet ta' kriżi f'każ fejn il-mezzi tagħhom ma jkunux biżżejjed. L-Istati s-soltu ma jkollhomx mezzi u tagħmir għar-reazzjoni rapida li jkunu maħsuba għal-livell ta' l-agħar xenarji possibbli għaliex x'aktarx li dan kieku jmur lil hinn mill-possibbiltajiet finanzjarji tagħhom. (Huwa diffiċli li wieħed jistabbilixxi u jmantni tul is-sena kollha skwadri kbar u ġabra sinifikanti ta' tagħmir kbir għall-interventi, bħal pereżempju ajruplani għat-tifi tan-nar, filwaqt li emerġenzi kbar jistgħu, fil-każ ta' ċertu tipi minnhom, iseħħu biss darba kultant, jew tipikament waqt perjodu limitat fis-sena, iżda xorta b'konsegwenzi gravi ħafna.)

Bl-istess mod, jekk it-tħejjija ta' l-Istat Membru li jkun qed jitlob għall-għajnuna ma tkunx biżżejjed sabiex tagħti reazzjoni adegwata għal emerġenza kbira f'termini ta' riżorsi disponibbli, dak l-Istat ikun jista' jissupplimenta l-istat ta' tħejjija tiegħu billi juża l-appoġġ li huwa disponibbli bis-saħħa ta' l-Istrument.

L-azzjoni Komunitarja sejra tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Komunità Komunitarja, minħabba li tappoġġja u tissupplimenta l-politika nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, se saħħaħ l-effettività ta' din il-politika; it-tagħqid ta' l-esprejenza u l-għajnuna reċiproka għandhom jgħinu sabiex inaqqsu l-imwiet, il-korrimenti, flimkien ma' danni materjali, ekonomiċi u ambjentali madwar il-Komunità, u b'hekk isiru aktar tanġibbli l-għanijiet tal-koeżjoni soċjali u tas-solidarjetà.

Ir-reazzjoni rapida tingħata bidu mit-talba għall-għajnuna ta' Stat Membru (jew Stat ieħor li jkun qed jieħu sehem) li tattiva l-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni 2001/792/KE. Meta tintbagħat talba bħal din, ifisser li l-pajjiż milqut iqis li jeħtieġ il-koordinazzjoni Komunitarja u l-għoti ta' assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra (u Stati li qed jieħdu sehem).

Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-azzjoni Komunitarja għandha l-għan li tikkumplementa u mhux tissostiwxxi l-kapaċitajiet nazzjonali.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

L-għan tal-Fond huwa, fil-qofol, ta' benefiċċju għall-operaturi tal-protezzjoni ċivili minħabba li se jirċievu l-għajnuna finanzjarja. Il-proċeduri u l-obbligi relatati li huma imposti fuq il-benefiċċjarji huma limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex tkun żgurata tmexxija finanzjarja soda u konformi mal-liġi, minħabba li l-ebda rekwiżit addizzjonali m'huwa pprovdut flimkien ma' dak li huwa meħtieġ taħt il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti (jiġifieri, ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej). F'kull każ, madankollu, huma meħtieġa d-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza u l-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

Il-piż amministrattiv fuq il-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali huwa limitat u ma jmurx lill hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita r-responsabbiltà kumplessiva tagħha għall-eżekuzzjoni tal-baġit Komunitarju. Per eżempju, m'huwa meħtieġ l-ebda format speċifiku (lil hinn minn dak li jipprevedi r-Regolament Finanzjarju) għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-finanzjament.

Inġħatat ukoll attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li l proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ ta' reazzjoni rapida għal emerġenza kbira jipprovdu għall-flessibilità meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni urġenti.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Huwa propost li jintuża Regolament.

Mezzi oħra ma jkunx adegwati minħabba li n-natura u l-kontenut ta' xi wħud mill-obbligi previsti fil-proposta jistgħu biss jinkisbu bis-saħħa ta' strument legali li jkun direttament applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

L-istrument propost għandu l-għan li jiffinanzja attivitajiet ta' protezzjoni ċivili fil-qasam tat-tħejjija u r-reazzjoni rapida.

F'dak li għandu x'jaqsam mat-tħejjija, dawn l-azzjonijiet iridu jiġu ffinanzjati:

– taħriġ, eżerċizzji, laqgħat ta' ħidma, skambju ta' staff u esperti għal stima ta' EUR 8.665 sa12.915 miljun fis-sena

– it-twaqqif u ż-żamma ta' sistema u għodod siguri tal-komunikazzjoni, għal stima ta' EUR 1 miljun fis-sena

– kif ukoll studji, stħarriġ, mudellar, bini ta' xenarji u ppjanar għal li jista' jinqala; għajnuna għall-bini tal-kapaċità; proġetti dimostrattivi; trasferimenti teknoloġiċi; azzjonijiet ta' tagħrif, ħolqien u tixrid ta' l-għarfien, azzjonijiet ta' komunikazzjoni; il-provvista tal-mezzi u t-tagħmir adegwati u l-monitoraġġ ta' l-evalwazzjoni, għal stima ta' EUR 2.635 sa 3.875 miljun fis-sena

L-istima annwali fil-qasam tat-tħejjija tammonta għal EUR 12.3 sa 17.79 miljun fis-sena. L-istimi huma bbażati fuq kemm swew l-azzjonijiet imwettqa f'dan il-qasam fl-2004/05.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-reazzjoni rapida, dawn l-azzjonijiet iridu jiġu ffinanzjati mill-Fond propost:

– trasport u appoġġ loġistiku relatat għall-esperti, uffiċjali ta' *liasion,* osservaturi, skwadri ta' l-intervent, tagħmir u faċilitajiet mobbli; għal stima ta' EUR 2.4 sa 6 miljun fis-sena

– id-dispaċċ ta' esperti, uffiċjali ta' *liasion* u osservaturi; għal stima ta' EUR 0.3 sa 0.4 miljun fis-sena

– mobilitazzjoni f'qasir żmien ta' mezzi u tagħmir adegwati, għal stima ta' EUR 4.81 miljun EUR fis-sena

L-istima annwali fil-qasam tar-reazzjoni għad-diżastri tammonta għal EUR 2.7 sa 11.21 miljun fis-sena. L-istimi huma bbażati fuq kemm swew l-azzjonijiet imwettqa fl-2004/05 f'dan il-qasam.

L-istima annwali kumplessiva għal dan l-istrument hija għalhekk stmata għal EUR 15 sa 29 miljun fis-sena.

Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġi allokat l-ammont ta' EUR 1 miljun fis-sena għall-finanzjament ta azzjonijiet ta' għajnuna teknika previsti mill-istrument propost. L-istima annwali kumplessiva hija għalhekk stmata għal EUR 173 miljun għall-perjodu ta' 7 snin.

2005/0XXX (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL(KE) Nru .../...

ta'...

li jistabbilixxi Fond ta' Protezzjoni Ċivili

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [4],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [5],

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 3(1)(u) tat-Trattat tal-KE, l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu miżuri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

(2) Għal dak il-għan, bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom, ġie stabbilit mekkaniżmu Komunitarju sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili.[6]

(3) Jinħtieġ illi jiġi stabbilit Strument għar-Reazzjoni Rapida u t-Tħejjija li taħtu tista' tingħata l-għajnuna, bħala kontribut għat-titjib ta' l-effettività tas-sistemi għat-tħejjija u r-reazzjoni għall-emerġenzi l-kbar, partikolarment fil-kuntest tad-deċiżjoni 2001/792/KE.

(4) Dan l-Istrument se jiżgura l-espressjoni viżibbli tas-solidarjetà Komunitarja lejn il-pajjiżi effttwali minn emerġenzi ewlenin billi jiffaċilita l-għoti ta' assistenza reċiproka permezz tal-mobilitazzjoni ta' l-assi ta' intervent ta' l-Istati Membri.

(5) Emerġenzi kbar jistgħu jirriżultaw minn diżastri naturali, industrijali jew teknoloġiċi, u minn atti terroristiċi.

(6) Dan l-Istrument għandu wkoll jikkontribwixxi għall-istat ta' tħejjija tal-Komunità u l-kapaċità tagħha għar-reazzjoni rapida meta tħabbat wiċċha mat-theddidiet

---

4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU C [...], [...], p. [...].
6 ĠU L 297, tal-15.11.2001, p.7.

għas-saħħa pubblika li jirriżultaw minn emerġenza kbira mingħajr, madankollu, ma jiġu affettwati l-azzjonijiet u l-miżuri previsti fid-Deċiżjoni […]/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur (2007/2013)[7].

(7) Huwa xieraq li, għal raġunijiet ta' koerenza, l-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida li jitwettqu 'l barra mill-Komunità jkunu koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru […]/2005 ta' […] li jistabbilixxi Strument ta' Stabbiltà[8]. Għall-istess raġuni, l-azzjonijiet marbuta maż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-ħarsien tas-sigurtà interna m'għandhomx ikunu koperti mill-Fond.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tat-tħaddim u l-operat tal-Fond, huwa xieraq illi l-azzjonijiet li tingħatalhom l-għajnuna finanzjarja jkollhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod prattiku u f'waqtu għat-tħejjija u r-reazzjoni rapida għall-emerġenzi ewlenin. Iridu għalhekk jiġu stipulati l-kriterji għall-valutazzjoni ta' dak il-potenzjal.

(9) L-għoti ta' kuntratti u għotjiet tax-xiri pubbliku taħt dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[9]. Minħabba n-natura speċifika ta' l-azzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili, jixraq illi jiġi previst li l-għotjiet jistgħu jingħataw ukoll lil persuni naturali.

(10) Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi għandha tkun possibbli għaliex din tkabbar l-effiċjenza u l-effettività ta' l-operat tal-Fond.

(11) Sabiex tittejjeb il-ħila tal-Kummissjoni biex issegwi l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkun possibbli, fuq inzjattiva tal-Kummissjoni, li tiffinanzja l-ispiża marbuta mal-monitoraġġ, is-sorveljanza, il-verifika u l-evalwazzjoni tiegħu.

(12) Provvedimenti xierqa jridu jittieħdu sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ adegwat ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li jirċievu għajnuna finanzjarja taħt dan l-Istrument.

(13) Miżuri xierqa jridu wkoll jittieħdu sabiex jilqgħu għall-irregolaritajiet u l-frodi u jridu jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, imħallsa b'mod żbaljat jew użati b'mod li mhux korrett, f'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet[10], u (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni.[11]

---

7 ĠU L [...], [...], p. [...].
8 ĠU L [...], [...], p. [...].
9 ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.
10 ĠU L 312, tat-23.12.1995, p. 1.
11 ĠU L 292, tal-15.11.1996, p. 2.

(14) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament trid tiġi evalwata regolarment.

(15) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.[12]

(16) Fid-dawl tad-daqs u l-effetti ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati minn dan l-Istrument (filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji li jirriżultaw mit-tħaddim ta' dan ir-Regolament f'termini ta' tnaqqis ta' mwiet, korrimenti, u ta' danni ambjentali, ekonomiċi u materjali) l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod adegwat mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju. Il-Komunità tista' għalhekk tadotta miżuri konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat KE. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif iddikjarat f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(17) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ma jipprovdux setgħat għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament għajr dawk taħt l-Artikoli 308 u 203, rispettivament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013, Strument għar-Reazzjoni Rapida u t-Tħejjija, minn hawn 'il quddiem "l-Istrument", sabiex jappoġġja u jikkumplementa l-isforzi ta' l-Istati Membri għall-ħarsien tan-nies, l-ambjent u l-proprjetà f'każ ta' emerġenza kbira.

Jistipola regoli għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument għall-azzjonijiet imfassla sabiex itejbu t-tħejjija tal-Komunità għall-emerġenzi l-kbar.

Jagħmel ukoll proviżjoni speċjali għall-għajnuna finanzjarja fil-każ ta' emerġenza kbira, sabiex jiffaċilita reazzjoni rapida u effettiva għaliha.

Artikolu 2

Ambitu

1. Dan ir-Regolament japplika għat-tħejjija għal emerġenzi kbar li jistgħu jirriżultaw minn diżastri naturali, industrijali jew teknoloġiċi, inklużi l-emerġenzi radjoloġiċi, u minn atti terroristiċi, ikunu fejn ikunu.

[12] ĠU C 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Japplika wkoll għall-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida f'każ ta' emerġenza kbira ta' dan it-tip fil-Komunità u f'pajjiżi li jkunu qed jieħdu sehem fil-mekkaniżmu Komunitarju stabbilit bid-Deċiżjoni 2001/792.

Japplika wkoll għat-tħejjija u għar-reazzjoni rapida għat-theddidiet għas-saħħa pubblika li jirriżultaw minn emerġenza ewlenija.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolament (KE) Nru […]/2005;

(b) azzjonijiet u miżuri li jaqgħu taħt id-Deċiżjoni (KE) Nru [...]/2005;

(c) azzjonijiet taħt id-Deċiżjoni [...]/2005 jew marbuta ma' l-infurzar tal-liġi u ż-żamma tal-legalità u l-bon ordni u s-salvagwardja tas-sikurezza interna.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament,

(1) "emerġenza ewlenija" għandha tfisser kull sitwazzjoni li għandha jew għandha mnejn ikollha impatt gravi fuq in-nies, il-proprjetà jew l-ambjent u jista' jirriżulta minn sejħa għall-għajnuna.

(2) "reazzjoni rapida" għandha tfisser kull azzjoni meħuda waqt jew wara emerġenza ewlenija sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi immedjati tagħha.

(3) "tħejjija" għandha tfisser kull azzjoni meħuda minn qabel sabiex tiġi żgurata reazzjoni rapida effettiva.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli

L-azzjonijiet hawn isfel se jkunu eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument:

(1) studji, stħarriġ, mudellar, bini ta' xenarji u ppjanar għal li jista' jinqala;

(2) għajnuna għall-bini tal-kapaċità;

(3) taħriġ, eżerċizzji, laqgħat ta' ħidma, skambju ta' staff u esperti;

(4) proġetti għall-wiri

(5) trasferimenti teknoloġiċi;

(6) azzjonijiet għall-ħolqien u t-tixrid ta' l-għarfien;

(7) azzjonijiet ta' komunikazzjoni;

(8) il-provvista ta' mezzi u tagħmir adegwati;

(9) it-twaqqif u ż-żamma ta' sistemi u għodod siguri tal-komunikazzjoni;

(10) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

(11) trasport u appoġġ loġistiku relatat għall-esperti, uffiċjali ta' *liasion,* osservaturi, skwadri ta' l-intervent, tagħmir u faċilitajiet mobbli;

(12) id-dispaċċ ta' esperti, uffiċjali ta' *liasion* u osservaturi;

(13) mobiltazzjoni mingħajr wisq avviż minn qabel ta' mezzi u tagħmir adegwati;

(14) it-twaqqif u t-trasport ta' laboratorji mobbli, faċilitajiet mobbli b'sigurtà għolja u tagħmir protettiv mediku.

Artikolu 5

Kriterji

Meta jkun qed jiġi deċiż jekk azzjoni partikolari għandhiex tingħata jew le l-għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument, għandu primarjament jitqies il-potenzjal li għandha din l-azzjoni biex tagħti kontribut prattiku u f'waqtu li kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(1) l-iżvilupp ta' strateġiji, proċeduri u sistemi għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal u l-promozzjoni ta' l-istabbiliment ta' mezzi u tagħmir adegwat li jistgħu jintużaw minnufih f'każ ta' emerġenza ewlenija,

(2) it-twaqqif ta' mekkaniżmi u proċeduri għat-trasferiment ta' mezzi u tagħmir adegwati lill-Istati li jagħmlu t-talba u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(3) li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' mezzi u tagħmir adegwat għall-ħarsien kontra l-effetti ta' l-emerġenzi kbar;

(4) li tinġieb 'il quddiem il-kooperazzjoni operattiva rapida u effettiva bejn is-servizzi nazzjonali tal-protezzjoni ċivili;

(5) l-istimolu, il-promozzjoni u l-appoġġ ta' l-iskambju ta' l-għarfien u l-esperjenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsegwenzi potenzjali ta' emerġenzi kbar, u tat-teknoloġija relatata;

(6) li jiġi żgurat il-kontribut f'ħin reali ta' għarfien speċifiku, inkluż dwar kwistjonijiet ta' terroriżmu, f'każ ta' emerġenzi kbar;

(7) it-titjib u l-faċilitazzjoni tad-disponibbiltà u t-trasport ta' l-iskwadri u t-tagħmir;

(8) il-faċilitazzjoni ta' l-assistenza u r-reazzjoni marbutin mas-saħħa pubblika;

(9) li jiġu żgurati d-disponibbiltà u t-trasport ta' laboratorji mobbli u faċilitajiet mobbli b'sigurtà għolja.

Artikolu 6

Benefiċjarji

L-għajnuna finanzjarja taħt dan ir-Regolament tista' tingħata lil persuni naturali jew legali, sew jekk irregolati mil-liġi pubblika jew minn dik privata.

Artikolu 7

Tipi ta' intervent u proċeduri ta' implimentazzjoni

1. L-għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument tista' tieħu l-forma ta' għotjiet jew kuntratti għax-xiri pubbliku, mogħtija fi qbil mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju".

2. Fil-każ ta' l-għotjiet, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi annwali ta' ħidma li jispeċifikaw l-għanijiet, l-iskeda tas-sejħa jew sejħiet għall-proposti, is-somma indikattiva involuta, ir-rata massima ta' l-intervent finanzjarju u r-riżultati mistennija

3. Fil-każ tax-xiri pubbliku, il-kuntratti inklużi l-kuntratti ta' qafas għal għanijiet tal-mobilitazzjoni tal-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' reazzjoni rapida għandhom jiġu inklużi fil-programmi ta' ħidma annwali.

4. Il-programmi ta' ħidma annwali jridu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

5. Il-baġit taħt l-Istrument irid jiġi implimentat mill-Kummissjoni fuq bażi ċċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha f'konformità ma' l-Artikolu 53(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 8

Il-parteċipazzjoni ta' Pajjiżi Terzi

Stati li mhumiex Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jieħdu sehem f'dan l-Istrument meta jkun hemm ftehimiet u proċeduri li jippermettu li dan iseħħ.

Artikolu 9

Il-kumplementarjetà bejn l-istrumenti finanzjarji

1. Azzjonijiet li jirċievu għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument m'għandhomx jirċievu għajnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

   L-applikanti għall-għajnuna finanzjarja taħt l-Istrument u l-benefiċċjarji ta' assistenza bħal din għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'tagħrif dwar l-għajnuna finanzjarja li jkunu rċevew minn għejun oħra, inklużi baġits Komunitarji, u tagħrif dwar applikazzjonijiet pendenti tagħhom għal għajnuna bħal din.

2. Għandhom jitfittxew sinerġiji u kumplementarjetà ma' l-istrumenti l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea jew tal-Komunità.

Artikolu 10

Għajnuna teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, l-Istrument jista' wkoll ikopri n-nefqa marbuta mal-monitoraġġ, is-sorveljanza, il-verifika u l-evalwazzjoni direttament meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

   B'mod partikolari, nefqa bħal din tista' tkopri studji, laqgħat, attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjonijiet, infiq fuq netwerks ta' l-informatika (u tagħmir relatat) għall-iskambju ta' l-informazzjoni u kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni għandha mnejn teħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

   L-ispiża msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ma tistax taqbeż l-4% tal-baġit.

2. Il-baġit marbut ma' l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jiġi implimentat mill-Kummissjoni fuq bażi ċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha f'konformità ma' l-Artikolu 53(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 11

Monitoraġġ

1. Bla ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mal-korpi jew dipartimenti ta' verifika nazzjonali kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Tratta tal-KE jew l-Artikolu 160c tat-Trattat ta' l-Euratom, jew kull spezzjoni mwettqa skond l-Artikolu 279(1)(b) tat-Trattat tal-KE jew l-Artikolu 183(1)(b) tat-Trattat Euratom, l-uffiċjali u staff ieħor tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki, inklużi fuq kampjun xieraq, dwar azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament.

2. Il-kuntratti u l-għotjiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għandhom partikolarment jipprovdu għall-monitoraġġ u għas-superviżjoni finanzjarja mill-Kummissjoni (jew kull rappreżentant awtorizzat minnha) u għall-verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri, inklużi verifiki fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

3. Għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fil-konfront ta' kull azzjoni, il-benefiċċjarju ta' l-għajnuna finanzjarja għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni kull dokument rilevanti dwar in-nefqa fuq l-azzjoni.

4. Fuq il-bażi ta' verifiki fuq il-kampjuni msemmija f'paragrafu 1, il-Kummissjoni, jekk dan ikun meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet għall-allokazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja approvata oriġinarjament u anki l-kalendarju għall-ħlasijiet.

5. Il-Kummissjoni se tieħu kull pass meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu sew u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 12

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interssi finanzjarji tal-Komunità jibqgħu mħarsa bis-saħħa ta' l-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u l-irkupru ta' ammonti mħallsa b'mod żbaljat u, jekk jingħarfu xi irregolaritajiet, permezz ta' penali effettivi, propozjonati, u disswasivi, f'konformità mar-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, EC) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[13]

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt dan l-Istrument, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2185/96 japplika għal kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat taħt dan l-Istrument, li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku, li għandha, jew jista' jkollha, l-effett li tippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits ġestiti minnhom, permezz ta' partita ta' nfiq li ma tkunx ġustifikata.

